MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1041/2013

**GGD Properties Limited (C-1862)**

**vs**

**J D Lifts Supplies Limited (C-12029) li b'digriet tal-Qorti tal-10 ta' April 2014, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Paul Mallia u martu Carmen Mallia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ GGD Properties Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti kienet ghamlet kuntratt t’appalt mas-socjetà intimata u dana sabiex jigi installat lift fil-fond ossia blokk t’appartamenti f’Pinto Flats, Triq Emanuel Pinto, San Pawl il-Bahar liema ftehim kellu l-valur ta’ tmienja u tletin elf mija u tnejn u ghoxrin Ewro u wiehed u disghin centezmu (EUR38,122.91) li kellu jithallas mis-socjetà rikorrenti lis-socjetà intimata (vide Dok. A u Dok. B).

Is-socjetà rikorrenti bdiet ukoll thallas lis-socjetà intimata ammonti li b’kollox jammontaw ghal hmistax-il elf, disa’ mija u hdax-il Ewro u tnejn u disghin centezmu (EUR15,911.92) akkont dejjem tal-prezz finali.

Is-socjetà rikorrenti kellha sahansitra tistitwixxi proceduri gudizzjarji li jgibu in-numru (Rikors Mahluf Nru.: 765/2011/JRM) sabiex igieghel lis-socjetà intimata halli twettaq tali xoghol u tikkompletah.

Sussegwentement u nhar il-21 ta’ Marzu 2013 is-socjetà rikorrenti ressqet nota ta’ cessjoni ghal din il-kawza billi giet accertata mill-intimata li x-xoghol ser jitwettaq fi ftit gimghat mill-istess socjetà intimata u jigi kkompletat.

Nonostante li sehh dan, is-socjetà intimata ghal xhur shah baqghet inadempjenti.

L-intimata, naqset ukoll milli tikkonsenja lift tat-tip pattiwit stante li dan kellu jkun tat-tip 'DomusLift' mentri dak li beda jigi nstallat mill-intimata huwa wiehed immanifatturat f'Malta u li certament mhux tal-kwalità pattwita.

Dan kollu wassal sabiex is-socjetà rikorrenti ssofri pregudizzju finanzjarju, tesponi ruhha ghad-danni versu terzi (vide Ittri Ufficjali Dok. 'C' u Dok. 'D') u dana stante illi r-rikorrenti qieghda tigi interpellata minn terzi biex tlesti l-imsemmi lift u sahansitra tilfet is-somma ta' sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) [illum ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf mitejn u sebghin Euro (Eur37,270) li hija kienet tat bhala garanzija ghat-tlestija ta' dan il-lift lil terzi (vide kuntratt immarkat Dok. 'E').

Dan l-agir da parti tas-socjetà intimata qieghed ukoll jesponi lis-socjetà rikorrenti jew ahjar lid-diretturi taghha ghall-eventwali proceduri ta' disprezz in konnessjoni ma' kawza li rebhet l-istess socjetà rikorrenti (Rikors Nru. 1111/2006JA) u dana hekk kif ser tipprova l-istess socjetà rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Is-socjetà rikorrenti interpellat lis-socjetà intimata b'mod formali permezz ta' ittra gudizzjarja datata 03-09-2013 (Dok. 'F') liema ittra gudizzjarja giet debitament innotifikata, izda s-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tordna l-allegazzjoni tal-att tal-kawza li giet ceduta nhar il-21 ta' Marzu 2013 liema kawza ggib ir-referenza bhala Rikors Mahluf Numru 765/2011/JRM u liema atti u provi hemmhekk kontenuti ghandhom jitqiesu daqs li kieku tressqu fil-proceduri odjerni.

2. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza li giet deciza nhar il-31 ta' Mejju 2010 liema kawza ggib ir-referenza bhala Rikors Mahluf Numru 111/2006JA u liema atti u provi hemmhekk kontenuti ghandhom jitqiesu daqs li kieku tressqu fil-proceduri odjerni.

3. Tiddikjara li s-socjetà intimata kissret il-kuntratt t'appalt u kull ftehim sussegwenti li sar bejn il-partijiet li hemm bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

4. Tordna lis-socjetà intimata tirrifondi lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u hdax-il Ewro u tnejn u disghin centezmu (EUR15,911.92) mhallsa mis-socjetà rikorrenti lis-socjetà intimata akkont tal-prezz skond il-ftehim tal-appalt hawn fuq imsemmi.

5. Tordna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' sebgha u tletin elf mitejn u sebghin Ewro (EUR37,270) li s-socjetà rikorrenti kellha thallas lil terzi minhabba l-inadempjenza tal-intimata.

6. Tiddikjara li s-socjetà intimata hija responsabbli versu s-socjetà rikorrenti minhabba l-inadempjenza taghha.

7. Tiffissa zmien qasir u perentorju sabiex is-socjetà intimata twettaq ix-xogholijiet rimedjali kollha necessarji u dan skond dak miftiehem originarjament mill-partijiet.

8. Tawtorizza lir-rikorrenti twettaq tali xogholijiet fin-nuqqas li dawn isiru mill-intimata hekk kif ordnat u dana a spejjez interament tal-intimata.

9. Tahtar perit jew engineer sabiex jirrelata dwar ix-xogholijiet kondotti mill-intimata u dwar ix-xogholijiet rimedjali li hemm bzonn illi jsiru.

10. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjetà rikorrenti a kawza tal-inadempjenza tas-socjetà intimata.

11. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma illikwidata ai fini tat-talba precedenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax u rappresentanti, diretturi, ufficcjali u impjegati tas-socjetà intimata minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li giet debitament notifikata, s-socjetà JD Lifts Supplies Limited baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ April 2014 li permezz tieghu gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza “in statu et terminis” Paul u Carmen Mallia.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu il-Qorti ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza 765/11 fl-ismijiet GGD Properties Limited vs JD Lifts Supplies Limited.

Rat l-affidavit prodott.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Rat li, minkejja li awtorizzata tressaq sottomissjonijiet bil-miktub permezz ta' verbal ta' din il-Qorti tal-25 ta' Marzu 2015, is-socjetà intimata ma ressqet ebda sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi ghandu jigi enfasizzat illi fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, il-kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talbiet. Jibqa' dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova li l-allegazzjonijiet tieghu huma fondati u t-talbiet gustifikati.

Fil-kawza odjerna, s-socjetà attrici ssodisfat dan l-oneru, sal-grad rikjest mill-ligi, kemm permezz ta' xhieda viva voce, affidavit kif ukoll dokumenti.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, fil-kontumacja tas-socjetà intimata, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg talbiet, tilqa' t-tielet talba kif dedotta; tilqa' r-raba' talba kif dedotta; tilqa' l-hames talba kif dedotta; tilqa' s-sitt talba; tilqa' s-seba' talba u ghall-fini taghha tiffissa terminu ta' tlett xhur mil-lum; tilqa' t-tmien talba u fin-nuqqas tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi

hija stess ix-xogholijiet, taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba li qed jigi mahtur ghal dan l-iskop; tilqa’ l-ghaxar talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ €37,270 (sebgha u tletin elf mitejn u sebghin Ewro); tikkundanna lil JD Lifts Limited thallas lil GGD Properties Limited is-somma ta’ €37,270 (sebgha u tletin elf mitejn u sebghin Ewro)in linea ta’ danni. Is-somma komplessiva li ghandha tithallas minn JD Lifts Supplies Limited lil GGD Properties Limited, ghalhekk hija ta’ €53,181.92 (tlieta u hamsin elf, mija u wiehed u tmenin Ewro u tnejn u disghin centezmu).

L-ispejjez jithallsu kollha minn JD Lifts Supplies Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------